# RESTAWR TAL-AFRESKI



Fil-Knisja Parrokkjali tagħna nsibu pittura ta' valuri artistiċi kbar li disgrazzjatament ftit mill-poplu Żejtuni japprezza. Fost dawn insibu l-Kwadru li hemm fuq l-artal tar-Rużarju li juri l-Madonna tadura lil Binha, li qiegħed rieqed f'ħoġorha. Pero, l-aktar li nridu nsemmu huma l-pitturi li hemm fl-arzelli ta' fuq l-artali tar-Rużarju u tal-Kurċifis. Bħall pittura li hemm fl-arzella tal-Kor, dawn huma mpinġija direttament fuq il-ġebla biż-żejt, bħall ma Mattia Preti pinġa s-saqaf tal-Kon-Katedral ta' San Ġwann. Disgrazzjatament il-pitturi li jinsabu fuq in-naħa tal-Kurċifis u tar-Rużarju llum tant jinsabu fi stat ħażin li l-anqas l-istil eżatt tagħhom ma jista' jingħad fiċ-ċar. Hu maħsub li dik ta'fuq l-artal tar-Rużarju hi xogħol ta' Franġisku Żahra, filwaqt li dik tal-Kurcifis hi xogħol ta' Gann Nikol Buhagiar (1670 -1745). Fil-fatt taħt dawn il-pitturi nsibu d-dati ta' 1739 u 1740 mnaqqxa. L-istat ta' dawn il-pitturi huwa tant ħażin li jekk ma nieħdux ħsiebhom illum qabel għada, hemm periklu li dawn jintilfu għal kollox. Biex dan ix-xogħol isir, jinvolvi spejjeż kbar.

Tkun ħasra li nħallu din il-ħsara tkompli ssir u ma nsalvawx dak li missirijietna, b'sagrifiċċji kbar ħallewlna, biex il-quddiem japprezzawh u jgawduh wkoll ulied uliedna.

Ix-xogħol ġa beda fuq l-arzella ta' fuq l-artal tar-Rużarju. Dan ġie avdat f'idejn il-Pittur u Restawratur Is-Sur Alfred Briffa. Ix-xogħol fuq l-arzella ta' fuq l-artal tal-Kurċifis se jsir mir-Restawratur Żejtuni is-Sur Emanwel Zammit.

Nappellaw għal ġenerożità' tagħkom biex dan ix-xogħol ikun jista jitkompla u jitlesta.

Kull offerta tingħata lill-Arċipriet.


MUGS B'XEJN!

Mayor®

DADI TAL - BRODU




IBDEL 2 PAKKETTI TAT-18 ID-DADA U BARRA LI TAKKWISTA 2 PICNIC CUPS TAQLA' MUG SABIH B'XEJN MINGHAND TAL-HANUT

MAYOR - quality you trust